**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 476/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Charlot Calleja**

**Illum, 9 t'Ottubru 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Charlot Calleja**, detentur tal-karta tal-identita' numru 192782M.
>
> U nakkuzah talli nhar is-17 ta' Lulju 2019, ghall-habta ta' 14:05hrs gewwa Triq Sammat Paola:
>
> 1. Ikkommetta serq ta' mobile phone (iPhone) u tablet (iPad) liema serq huwa aggravat bi xorta tal-haga misruqa u bil-

valur, liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Debono Nathalie u/jew persuni ohra.

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D fid-digriet tieghu tad-19 ta’ Marzu 2019 li bih tah il-helsien mill-arrest.

3. Kif ukoll li ksirt il-probation order u treatment order li nghata lilu nhar it-12 ta’ Mejju 2017 mill-Magistrat Dr A. Vella.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b’ sentenzi ta’ Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tirrevoka is-somma imsemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-Gvern ta’ Malta kif ukoll tirrevika l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Charlot Calleja u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat fejn b’ diversi digrieti hawn fuq imsemmija, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi reġa' ammetta l-akkużi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni qeghda ssib lill-imputat hati u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah kumplessivament ghal tmintax-il xahar habs, u tordna l-konfiska tas-somma tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-gvern ta' Malta. Il-Qorti qeghda wkoll tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jigi moghti l-assistenza kollha mehtiega sabiex jindirizza l-problema tal-abbuz mid-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur